MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 202/2009/1

**Korporazzjoni EneMalta**

**vs**

**Falzon Service Station Limited (C 1731) u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2011, l-isem is-socjeta` Falzon Service Station Limited inbidel ghal Falzon Group Holdings Limited.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fil-11 ta' Jannar 2011 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal***

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u*

*disghin centezmu (€2,143.96) rapprezentanti danni kkagunati minnha fil-proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici nhar it-22 ta' Dicembru 2006. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2008, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra u bil-kumpanija konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi hija qed tikkontesta t-talbiet tas-socjeta' attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament ikkawzati minnha. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes.*

*Sema' x-xhieda ta' Philip Borg prodott mill-Korporazzjoni attrici.*

*Sema' x-xhieda ta' Godfrey Scicluna prodott mill-Korporazzjoni attrici.*

*Sema' x-xhieda ta' Gaetano Callus prodott mill-Korporazzjoni attrici.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.*

*Ra r-rikors tas-socjeta' konvenuta Falzon Service Station Limited tas-6 ta' Jannar 2011 fejn talbet illi t-Tribunal jordna t-tibdil ta' l-isem fl-okkju tal-kawza minn Falzon Service Station Limited ghal Falzon Group Holdings Limited u kull fejn jokkorri fil-kawza.*

*Ra d-digriet tieghu tal-10 ta' Jannar 2011 fejn it-Tribunal laqa' t-talba kif kontenuta fir-rikors tas-6 ta' Jannar 2011.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

***Ikkunsidra.***

*Illi in sostenn tat-talba taghha l-Korporazzjoni attrici pproduciet bhala xhieda taghha fl-ewwel lok lil Philip Borg li xehed dwar l-involviment tieghu fl-incident li gara. Huwa spjega li jahdem bhala Assistant Manager fil-Petroleum Division mal-Korporazzjoni attrici, u li dakinhar tal-incident*

*kien ircieva telefonata minn Gaetano Callus, il-persuna inkarigata mill-Korporazzjoni attrici sabiex jiehu hsieb il-loading u unloading ta' fuel fil-barges u vapuri.*

*Callus kien infurmah illi waqt li kienu qedin jaghmlu loading tal-fuel mill-art ghal fuq il-barge Santa Marija, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, kienet inqasmet il-manka, proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici. Ghalhekk ix-xhud Borg kien ta struzzjonijiet sabiex ibiddlu l-manka u jlestu x-xoghol tal-loading. Ix-xhud spjega li skond hu, u mir-rapport ta' Callus, l-manka kienet inqasmet minhabba li l-impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu ghalqu l-valve min-naha taghhom qabel ma sar l-unloading kollu fuq il-barge. Peress li dan il-valve inghalaq qabel il-hin, giet krejata pressjoni qawwija bil-fuel li baqa jigi ppumpjat u b'hekk l-manka sparat.*

*Ix-xhud Godfrey Scicluna li jahdem bhala Financial Controller mal-Korporazzjoni attrici xehed u spjega kif l-istess Korporazzjoni attrici wasslet ghall-kwantum tad-danni minnha sofferti, u cioe kif wasslet ghas-somma mitluba permezz tal-kawza odjerna. L-istess xhud ezebixxa wkoll diversi dokumenti in sostenn ta' dak li qed titlob il-Korporazzjoni attrici in linea ta' danni.*

*Min-naha tieghu, x-xhud Gaetano Callus li xogholu mal-Korporazzjoni attrici huwa li jopera installazzjoni li taghti z-zejt lil barges, xehed dwar l-incident in kwistjoni. Huwa spjega li dakinhar tal-incident kien fl-ufficcju tieghu b'veduta cara fuq il-barge bl-isem Santa Marija, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, fejn il-Korporazzjoni attrici kienet qed tissupplixxi z-zejt. Huwa spjega ezattament pass pass b'mod preciz kif gara l-incident, u spjega wkoll b'mod car ghaliex dan l-incident gara tort tas-socjeta' konvenuta, jew ahjar, tal-impjegati taghha.*

*Illi min-naha taghha, s-socjeta' attrici ma pproduciet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni taghha, liema prova setghet b'xi mod tikkontradixxi l-provi prodotti mill-Korporazzjoni attrici, u dana alavolja inghatat diversi okkazzjonijiet sabiex taghmel hekk. Ghalhekk dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux jistrieh*

*fuq il-provi prodotti mill-Korporazzjoni attrici, jew xi raguni ghalfejn it-talba tal-istess Korporazzjoni attrici m'ghandhiex tigi milqugha fl-intier taghha.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,143.96), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Falzon Group Holdings Limited datat 25 ta' Jannar 2011 fejn talbet li din il-Qorti thassar, tannulla, u tirrevoka s-sentenza appellata fin-numru u fl-ismijiet premessi billi tichad it-tabiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta' attrici u dan ghar-ragunijiet hemm indikati.

Rat li l-atti ta' din il-kawza gew imdahhlin illum 7 ta' Frar 2011 (fol 3).

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta datata 7 ta' Frar 2011 a fol. 4 tal-process fejn il-Korporazzjoni appellata talbet lill-Qorti tichad l-appell tas-socjeta' konvenuti appellanti b'dan li tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fil-11 ta' Jannar 2011 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti u dan ghar-ragunijiet hawn premessi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Damian Degiorgio ghall-Korporazzjoni apellata. L-appellanti u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Degiorgio rrimetta ruhu ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal 15 ta' Gunju 2011. Aktar tard deher Dr. Patrick Galea ghas-socjeta' appellata li rrimetta ruhu ghall-atti.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-28 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza il-Korporazzjoni Enemalta kienet harrket lis-socjeta' appellanti konvenuta sabiex tigi ddikjarata responsabbli ghall-hsara li saret fil-*hose pipe* proprjeta' tas-socjeta' attrici li grat fit-22 ta' Dicembru 2006, hsara li l-Korporazzjoni allegat li saret minhabba negligenza da parte tas-socjeta' konvenuta, allegazzjoni li s-socjeta' konvenuta cahdet ghaliex sostniet fir-risposta taghha li hija ma hijiex responsabbli ghall-ebda danni allegatament ikkawzati minnha.

Illi b'sentenza datata 11 ta' Jannar 2011 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal), laqa' t-talba attrici billi qaghad fuq ix-xhieda ta' Philip Borg u Gaetano Callus impjegati tal-Korporazzjoni attrici fejn dawn allegaw li fid-data in kwistjoni kienu qed isir *loading* ta' *fuel* mill-art ghal fuq il-barge Santa Maria tas-socjeta' konvenuta, waqt liema operazzjoni inqasmet il-manka peress li impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu ghalqu l-*valve* minn naha taghhom qabel ma sar l-*unloading* kollu mill-*valve*, bil-konsegwenza li minhabba dan giet krejata pressjoni qawwija ta' *fuel* li baqa' jigi ppumpjat u li ghalih il-manka ma felhietx, u peress li dan ma gie, skond is-sentenza bl-ebda mod kontradett mis-socjeta' konvenuta bi provi, l-istess Tribunal sab lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-istess incident, u konsegwentement ikkundanna l-istess thallas l-ammont ta' danni mitlub, ammont li gie spjegat mix-xhieda ta' Godfrey Scicluna, li spjega fid-dettal kif wasal ghall-valur tal-istess skond l-istess xhieda tieghu datata 15 ta' Jannar 2010 u d-Dok. "GS 1".

Illi gie interpost dan l-appell mis-socjeta' appellanti fejn qed jigi allegat li t-Tribunal ta din is-sentenza billi gravament iddecieda kontra l-principji ta' imparzjalita' u ekwita', u dan ghaliex ma laqax ir-rikors prezentat minnha sabiex ikun hemm sospensjoni tas-sentenza u jigi

pprezentat affidavit taghha, liema rikors huwa datat 19 ta' Ottubru 2010, fejn jinghad li dan ma missux gie michud, u wkoll li lanqas kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal sabiex jigi prezentat; jinghad ukoll li ghalkemm huwa minnu li r-rikors ma giex notifikat, u f'dan ir-rigward jista' kien hemm nuqqas da parte tas-socjeta' konvenuta, pero' jinghad li *"it-Tribunal ma kienx legalment korrett li jinjora l-prova li tressqet quddiemu..."*. Jinghad li kien fl-interess tal-gustizzja li dan l-affidavit jigi ammess u li fil-mertu jirrizulta li l-korporazzjoni konvenuta ma mxietx skond ir-regoli tal-industrija.

Illi minn naha l-ohra l-Korporazzjoni appellata sostniet li t-Tribunal ta' opportunita' lis-socjeta' konvenuta sabiex tressaq il-provi taghha fis-seduti tat-12 ta' Mejju 2010, 12 ta' Lulju 2010, 14 ta' Ottubru 2010, izda dan ma ghamlitux; wara sar ir-rikors datat 19 ta' Ottubru 2010, fejn it-Tribunal ordna n-notifika tieghu fil-21 ta' Ottubru 2010, u din baqghet ma saritx, u allura is-socjeta' tilfet kull opportunita' li tressaq il-provi taghha li giet moghtija lilha; fil-mertu inghad li mix-xhieda ta' l-Inginier Philip Borg, u ta' George Callus jirrizulta li l-hsara sehhet minhabba li impjegati tas-socjeta' konvenuta ghalqu l-*valve* li kien jinsab fuq il-barge stess, b'dan li dan holoq pressjoni qawwija fuq il-manku biz-zejt li kien ghadu qed jigi ippumpjat, bir-rizultat li nqasmet il-manka u allura l-istess socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal tali hsara, kif gie ppruvat u ghandha tinzamm responsabbli ghall-hsara kkawzata minnha.

Illi dwar l-aggravju tas-socjeta' appellanti jirrizulta li dak li qed isostni l-Korporazzjoni appellata huwa korrett fis-sens li s-socjeta' konvenuta kellha u inghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha u fil-fatt saru seduti fit-12 ta' Mejju 2010, 12 ta' Lulju 2010, u 14 ta' Ottubru 2010 sabiex l-istess socjeta' konvenuta tressaq il-provi, haga li ma ghamlitx tant li l-ebda rapprezentant tal-istess ma attenda ghall-istess seduta, u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Jannar 2011.

Illi jidher li s-socjeta' konvenuta pprezentat rikors fid-19 ta' Ottubru 2010 sabiex ikun hemm sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza u sabiex tammetti l-affidavit hemm anness bhala prova u jkomplu jinstemghu l-provi tas-socjeta' konvenuta, u t-Tribunal ordna li ssir notifika tal-istess rikors b'digriet datat 21 ta' Ottubru 2010, haga li baqghet ma saritx, tant li fl-10 ta' Jannar 2011 inghata digriet fis-sens li inghad li:-

*"It-Tribunal, Ra r-rikors tad-19 ta' Ottubru 2010. Ra d-digriet tieghu tal-21/10/2010. Peress illi mill-21 ta' Ottubru 2010 sa llum ma sar l-ebda tentattiv sabiex issir in-notifika lill-kontro-parti, tad-digriet u tar-rikors, jichad it-talba kif kontenuta fl-istess rikors".*

Illi fil-fatt id-decizjoni inghatat fil-11 ta' Jannar 2011, u minn dan kollu jirrizulta li t-Tribunal ta kull opportunita' lis-socjeta' konvenuta sabiex tressaq il-provi taghha qabel mal-kawza thalliet ghas-sentenza, izda s-socjeta' konvenuta kienet traskurata u njorat id-digrieti tal-Qorti ghal kollox u lanqas biss zammet l-appuntament tal-kawza u wisq inqas ressqet xi provi u dan almenu ghal tlett darbiet f'terminu ta' sitt xhur; dan ma kienx bizzejjed peress li ghalkemm sar rikors mis-socjeta' konvenuta fid-19 ta' Ottubru 2011, li tieghu giet ordnata n-notifika b'digriet datat 21 ta' Ottubru 2011, sal-10 ta' Jannar 2011 din in-notifika baqghet ma saritx u allura jidher car li anke hawn is-socjeta' konvenuta injorat dak li gie lilha ndikat li ghandha taghmel sabiex tressaq il-provi taghha tempestivament, u baqghet lanqas harget l-istess rikors ghan-notifika, u allura t-Tribunal cahad l-istess talbiet hemm kontenuti fir-rikors imsemmi u ghadda sabiex jaghti s-sentenza tieghu abbazi tal-provi quddiemu. Certament li f'dawn ic-cirkostanzi, li din il-Qorti vverifikat ghaliex jirrizultaw mill-atti tal-kawza, l-unika haga li tista' tinghad hija li s-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox traskurata sabiex tressaq il-provi taghha, u ssegwi l-kawza kif suppost taghmel, u minkejja li inghatat diversi opportunatijiet sabiex tressaq il-provi taghha, hija injorat dan kollu, u baqghet traskurata anke wara r-rikors minnha pprezentat, b'dan li din il-Qorti thoss li t-Tribunal kellu jimxi effettivament bil-mod kif mexa, b'dan li kull allegazzjoni li huwa mexa b'nuqqas ta' imparzjalita' u ta' ekwita' hija kompletament bla bazi, kemm f'dak li hija procedura u

kemm f'dik li hija sostanza, u f'dan il-kuntest l-appell tas-socjeta' konvenuta huwa kompletament bla ebda fondament guridiku u fattwali, anzi jista' jinghad li fic-cirkostanzi huwa azzardat ghall-ahhar, u abbuz tal-procedura. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi jigi michud.

Illi dwar il-mertu jidher li s-sentenza dahlet fid-dettal dwar l-istess u x-xhieda tal-Korporazzjoni appellata flimkien mar-rapport li sar fit-23 ta' Dicembru 2006 (Dok. "GC 1" – fol. 30) minn Tony Callus dwar l-incident *de quo* ma jhalli l-ebda dubju li l-istess danni gew ikkawzati mis-socjeta' appellata minhabba nuqqasijiet taghha kif spjegat fl-istess xhieda u kif elenkat fl-istess sentenza, b'dan li ma hemm ebda dubju li l-Korporazzjoni attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha minnha allegati sal-grad rikjest mill-ligi u allura t-Tribunal kien korrett fid-decizjoni tieghu fuq il-mertu, kif anke hawn spjegat f'din is-sentenza, fejn il-hsara kollha jirrizulta li saret meta mpjegati tas-socjeta' konvenuta, kontra kull prattika, ghalqu l-*valve* fuq in-naha taghhom, bil-konsegwenza li l-*fuel* baqa' gej minn naha tal-Korporazzjoni appellata, u dan holoq pressjoni fuq il-manka li b'rizultat tal-istess inqasmet, u dwar dan il-Korporazzjoni Enemalta mal-ewwel ghamlet rapport tant li l-incident sehh fit-22 ta' Dicembru 2006, u r-rapport dwaru sar fit-23 ta' Dicembru 2006, mentri s-socjeta' konvenuta ma jidher li ghamlet xejn minn dan. Ghalhekk kull aggravju dwar il-mertu qed jigi wkoll michud u d-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi, qed tigi kkonfermata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta appellata datata 7 ta' Frar 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tas-socjeta' appellanti Falzon Group Holdings Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 25 ta' Jannar 2011** ghaliex l-istess appell huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet **"Korporazzjoni EneMalta vs Falzon Service Station Limited (C 1731)**

**et"** (Talba Nru. 202/2009/VGD) datata 11 ta' Jannar 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Falzon Group Holdings Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------